MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 335/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Cordina)**
**Vs**
**Martin Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fis-27 ta' Lulju, 2003, fuq il-Monti, Floriana, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija numru ta' DVd's u Computer Games b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq;
2. fl-istess cirkostanzi, bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, dduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal biegh jew biex jitqassam, DVD's u Computer Games jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu

mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta’ Malta;
3. sar recediv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie kkundannat b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Settembru , 2007, li biha, ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w minflok, wara li tqis bir-reqqa l-provi f’dan il-kaz, issib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti w tal-provi kif migjuba. L-appellant kien konsapevoli tal-fatt li l-prodotti kienu qed jigu rtirati minn fuq it-tilar tieghu. Tant hu hekk li ma qajjem ebda oggezzjoni ghall-elevazzjoni taghhom fil-prezenza tieghu. F' ebda mument tal-ispezzjoni jew elevazzjoni ma qal li dawn l-oggetti ma kienux jappartjenu lilu. Kull ma ghamel kien li baghat lil Jonathan Sgendo biex ikun prezenti waqt l-ghadd tal-oggetti ghax hu ma setax ihalli t-tilar wahdu. X' kien ha jiggwadanja li jibghat lil Sgendo jekk dawn l-oggetti ma kienux tieghu? Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed biex issib lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrieh.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *"safe and satisfactory*" fid-dawl tar-rizultanzi.

Din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94] ; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi gie ukoll ritenut li dan japplika ukoll f' kaz ta' appelli li jigu intavolati mill-Avukat Generali.

Illi din il-Qorti ghalhekk regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet lill-appellat mhux hati tal-akkuzi w l-addebitu tar-recidiva.

Illi mill-provi traskritti johorgu fil-qosor is-segwenti fatti:-

Illi fis-27 ta' Lulju, 2007, il-Pulizija kienet qed taghmel spezzjonijiet fuq il-Monti li jintrama' barra l-Belt il-hadd filghodu. Fil-kors ta' din l-ispezzjoni skond **L-Ispettur**

**Joseph Cordina, WPC 249 Maruska Debattista w PC 130 Ivan Cilia** kienu gew elevati mill-Pulizija numru ta' DVD's, computer games, CD's u faxxikoli relatati ma dawn l-oggetti mit-tilar tal-appellat, peress li dawn l-oggetti dehru suspettuzi. Dawn l-oggetti gew elevati fil-prezenza tal-appellat, li dak il-hin ma qajjem ebda oggezzjoni w lanqas ta' xi spjegazzjoni. Meta l-appellat gie mitlub jakkompanja lil Pulizija biex ikun prezenti waqt li jkun qed isir il-kontegg tal-oggetti elevati, baghat lil Jonathan Sgendo minnfloku peress li qal li ma setax ihalli t-tilar bl-affarijiet l-ohrajn li ma elevawx il-Pulizija wahdu. Meta gew ezaminati dawn l-oggetti elevati, nstab li kienu foloz. (Ara relazzjoni tal-espert Horace J. Anastasi a fol. 54).

Fil-kontroezami ta' **PC Cilia**, intqal li c-CD"s elevati kienu fuq it-tilar ta' Martin Cachia li hu l-ewwel wiehed li hemm il-Monti il-Hadd fejn jipparkjaw tal-linja, l-ewwel tilar.

Hawn sarlu suggeriment mill-Avukat difensur :

*"Jekk nissuggerilek li fil-fatt mhux minn fuq it-tilar gew elevati imma minn wara t-tilar. Tilar. Persuna tkun wara t-tilar u kien hemm store wara dan it-tilar, naqblu?"*

Ix-xhud wiegeb:

*"It-tilar tal-appellat qieghed forma ta' U. In-nies jidhlu gewwa u kien hemm taht u kien hemm fuq."*

L-Avukat difensur rega' ssuggerixxa :

*"Jekk nissuggerilek li kien hemm qiesu store wara l-istall innifsu u dhaltu f' dan l-istore, hu minnu dan?"*

u x-xhud irrisponda:

*"Ma niftakarx…."*

L-avukat difensur rega' staqsa lil PC Cilia :

*"Ma tiftakarx mela f' xi wahda minn dawn l-okkazzjonijiet fejn kont prezenti inti f' raid qattx elevajtu CD's minn go kamra?"*

Ix-xhud wiegeb :

*"Nikkonferma li kien hemm okkazzjoni pero' ma nafx hux din, kien hemm okkazzjoni fejn fuq wara tat-tilar nehhejna canvas u kien hemm numru ta' CD's li rrizultaw foloz."*

**PC Cilia** umbaghad zied jghid li din il-kamra *"kienet mat-tilar…. Jekk int thares minn quddiem tat-tilar dawn l-affarijiet ma kienux jidhru. Imma jekk tmur fuq in-naha ta' wara, morna minn-naha ta' wara, nehhejna parti mil-canvas tal-istess tilar u elevajna"*
*"Le ma nghidx li hija tinda, ghax tinda hija xi haga biex tistkenn tahtha. It-tilar kif kien minn quddiem ma jidhirx. Trid tmur fuq wara u tgholli l-canvas. …Hemm diversi armati (bl-istess xoghol ) pero'…jekk inti qed tghid ghal din l-okkazzjoni ta' fejn sibna DVD's fuq in-naha ta' wara adjacent mieghu ma hemmx tilar iehor armat bl-istess xoghol."*

Fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti (Fol. 136 et seq.) **l-appellat** qal li hu jarma bit-T-shirts, mobiles u covers tal-mobile go St. Jamnes Ditch. Hemmhekk ma hemmx sistema partikolari fejn jarmaw il-hawkers u *"min jigi jarma."…"Fejn isib".* Qal li l-oggetti elevati ma kienux tieghu. Gew elevati minn wara t-tilar. Fuq wara hemm kamra twila hamsin pied u parti minnha fuq wara kien hemm *section* u gabruhom minn hemm. Ma kienux wara t-tilar fejn kien armat hu. Hu kien armat fuq in-naha ta' fuq qiesu tul l-awla boghod. F' dik id-distanza kien hemm erba tilari ohra. Dawn kienu armati b' xoghol ta' DVD's u CD's . L-ispezzjoni saret kullimkien anki fuq it-tilar tieghu. Min fuq it-tilar tieghu ma gie elevat xejn. Hu ma kellu x' jaqsam xejn ma dik il-kamra. Din il-kamra mhux mibnija bil-gebel; hija kaxxa maghluqa bil-hadid; taghmel tinda, u jekk ikun ir-rih taghalaqha minn kullimkien u tigi qieshha forma ta' kamra. Hu ma jafx minn fejn gew elevati dawn l-oggetti.

Ma rahomx. Hu kien tul l-Awla boghod meta nstabu dawn id-DVD's. Jonathan Sgendo kien qieghed hdejh. Il-Pulizija qaltlu biex hu mur maghhom id-depot. Hu staqsiha ghaliex. Hi qaltlu biex jghoddu x-xoghol. Staqsiha setax jibghat lil haddiehor biex ma jhallix ix-xoghol tieghu wahdu w talab lil Sgendo jmurlu hu biex jghoddu x-xoghol quddiemu. Dak in-nhar kien hemm it-tifel il-kbir tieghu jigri fuq il-monti jghinu hemm. Dak iz-zmien ibnu ma kienx qed jahdem mieghu ezatt.

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti, ghalkemm qalet li ma kien hemm ebda dubju li l-oggetti elevati kienu foloz, qalet li ma kienetx konvinta li dawk l-oggetti elevati kienu jappartjenu lill-appellat. Dan ghaliex l-ewwel ufficjal li xehed qal li kienu ttiehdu minn fuq l-istall tal-appellat mentri t-tieni ufficjal qal li kien ghamel diversi *raids* u ma setax jiftakar jekk kienx dan ir-r*aid* partikolari fejn dawn id-DVD's u CD's instabu gewwa speci ta' kamra jew tinda li tmiss mat-tilar tal-appellat. Ghalhekk dawn l-oggetti setghu kienu jappartjenu lil haddiehor, u allura setghet titwemmen il-versjoni moghtija mill-appellat fl-istqarrija tieghu. Ghalhekk, skond l-Ewwel Qorti, kien hemm dubju ragjonevoli jekk dawn l-oggetti kienux fil-pussess tal-appellat meta intervjenew il-Pulizija, ghax il-vicinanza taghhom mat-tilar tal-appellat ma tohloq l-ebda prezunzjoni ta' htija.

Ikkonsidrat;

Illi hu minnu li f' din il-kawza hemm certu konflitt fil-provi ghax fil-waqt li t-tlitt Pulizija xehdu li l-oggetti inkriminati gew elevati mill-pussess tal-appellat, l-appellat jichad dan, pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003], *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f’ kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’ hix ser temmnu, jew ma temmnux."*

F' dan il-kaz, apparti li l-Ispettur Cordina u WPC Debattista ma kellhomx l-icken dubju li l-oggetti kienu gew elevati mil-pussess tal-appellat u l-istess qal PC Cilia, minkejja li f' xi waqtiet fil-kontro-ezami tieghu l-Avukat difensur dahhal il-kwistjoni tal-kamra vicin, hemm cirkostanza importanti li ssahhah il-versjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni. Din hi proprju l-fatt li l-appellat baghat lil Jonathan Sgendo mall-Pulizija biex ikun prezenti waqt l-ghadd tal-oggetti elevati. Jekk dawn l-oggetti verament ma kienux tieghu, x' interess kellu l-appellat li jibghat lil xi hadd biex ikun prezenti ghall-ghadd? Wiehed kien jistenna li l-appellat kien mall-ewwel jipprotesta l-innocenza tieghu dak il-hin u li, meta WPC Debattista qaltlu biex imur maghhom ha jghodd l-oggetti, kien jghidilha biex tghodd li trid ghax ma kellux x' jaqsam ma' dawk l-oggetti w ma kellux l-icken interess fihom, jekk verament ma kienux tieghu. Invece staqsiha jistax jibghat lil xi hadd iehor minn floku biex hu ma jhallix it-tilar wahdu bil-kumplament tal-oggetti li kellu ghal biegh fuqu. Din ic-cirkostanza indizjarja importanti giet injorata ghal kollox mill-Ewwel Qorti. Kieku nghatat il-piz xieraq li kien jixirqilha, l-Ewwel Qorti ma kienx ghalfejn jidhollha xi dubju li l-oggetti elevati kienu tal-appellat, anki jekk kienu jinsabu wara jew taht it-tilar tieghu. Del resto hadd ma jistenna li min ikollu DVD's jew CD's foloz ghal biegh jesponihom fejn jidhru fuq il-wicc tat-tilar, meta hu maghruf (partikolarment ghall-appellat li hu recidiv plurimu f' dat-tip ta' reat) li l-awtoritajiet ta' sikwiet jaghmlu ispezzjonijiet simili ghall-oggetti foloz fuq il-Monti.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti f' dan il-kaz l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti kien manifestament zbaljat u fuq il-provi li kellha l-Ewwel Qorti kellha bla diffikolta' ssib htija tal-imputazzjonijiet kollha w l-addebitu tar-recidiva dedotti kontra l-appellat.

Illi mbaghad ghar-rigward tal-addebitu tar-recidiva, giet esebita kopja legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Settembru, 2002 (Fol. 34 u 35) li ggib l-istess konnotati w senjatament l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-

appellat. Inoltre l-istess fedina penali li ukoll iggib l-istess konnotati w in-numru tal-karta tal-identita' tindika li l-appellat huwa plurimu recidiv. Ghalhekk dan l-addebitu jirrizulta pruvat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti w tirrevoka s-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w tal-addebitu tar-recidiva w minnflok issib lill-appellat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recidiva w, wara li rat l-artikoli 298(1) ( c ), u 298B, 23, 49, 50 u 533 tal-Kap.9, tikkundanna lill-appellat ghall-multa ta' tlitt elef Ewro (Eur.3000), u tikkundanna lill-appellat li jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' elf, mitejn, erba w disghin Ewro u tminja w erbghin centezmu ta' Ewro (Eur.1294.48) ekwivalenti ghal hames mija w hamsa w hamsin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM555.72c) import tal-ispejjez tal-perizja tal-espert Horace J. Anastasi (fl-involukru a fol. 54) u inoltre fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, a tenur tal-artikolu 31 tal-Kap.441, tissospendi l-licenzja tan-negozju tal-appellat ghal zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------